MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2006

Citazzjoni Numru. 998/2002

**Panta Marketing & Services Ltd.**

**vs**

**Carmelo Gauci Ltd.**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta' hamest elef u sitt mija u disghin lira Maltin u ghaxar centezmi (LM5,690.10) rapprezentatni sitt kambjali ta' disa' mija u tmienja u erbgin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm948.35) il-wahda w immaturati rispettivament fit-30 ta' Novembru, 1999, fil-31 ta' Dicembru 1999, fl-1 ta' Jannar, 2000, fl-1 ta' Frar, 2000, fl-1 ta' Marzu, 2000 u fl-1 ta' April, 2000 flimkien ma l-imghax relattiv;

Illi ghalkemm debitament interpellata, anki ufficjalment biex thallas dan l-ammont, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi jezistu l-elemenit kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, perss li d-dejn huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta` attrici, s-socjeta` konvenuta m’ghandhiex eccezzjonijiet x’taghti ghat-talba ta’ l-istess socjeta` attrici;

Tghid ghalhekk l-istess socjeta` konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex, dispensat is-smiegh tal-kawza skond id-dispozizzjonijiet ta’ l-Artiklu 167 et. Seq. tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) tal-Ligijiet ta’ Malta, u in vista ta’ l-affidavit guramentat hawn anness u mmarkat bhala Dok “A” kif ukoll kopji awtentikati tal-kambjali mmarkati Dok “B”, “C” u “D”;

1. Tiddeciedi l-kawza skond it-talba, bid-dispensa tas-smiegh;
2. Tiddikjara illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta’ hamest elef u sitt mija u disghin lira Matlin u ghaxar centezmi (Lm5,690.10) rapprezentanti sitt kambjali ta’ disa’ mija u tmienja u erbghin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm 948.35) il-wahda w immaturati rispettivament fit-30 ta’ Novembru, 1999; fil-31 ta’ Dicembru, 1999, fl-1 ta’ Jannar, 2000, fl-1 ta’ Frar, 2000, fl-1 ta’ Marzu, 2000 u fl-1 ta’ April, 2000, flimkien ma l-imghax relattiv;
3. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ hamest elef u sitt mija u disghin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm5,690.10) fuq imsemmija kif ukoll l-imghax legali;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata Apri, 2002 u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Emanuel Fenech u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------